MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2014

Numru 1204/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**
**Vs**
**Mohamed Idris Magdoub**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Mohamed Idris Magdoub ta’ dsatax-il (19) sena, iben Mohammed u Esia Abdelkader, imwieled Mahdia, Tunisia, fil-25 ta’ Ottubru 1995, residenti Blk 1, Flt 1, Triq San Edwardu, Birzebbugia, u detentur tan-Numru tal-Pulizija 13V-146, talli fil-5 ta’ Dicembru 2014 u/jew fil-granet ta’ qabel f’Malta:

1. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’Passaport jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f’isem Mohammed Idris Magdoub (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta’ Malta);
2. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta’ Malta);
3. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Liġijiet ta’ Malta);
4. Irrenda ruhu ricediv u talli kiser kundizzjoni tal-Qorti imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras, datata 7 ta’ Awissu 2014.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Frankie Sammut, inkluza l-fedina penali ta' l-imputat esebita bhala Dok. "F" u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz.

Rat illi l-imputat iddikjara li huwa hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u li ikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra it-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza u hadet nota partikolari tal-fatt li l-Ispettur Frankie Sammut iddikjara li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza dedotti fil-konfront ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat:

Bil-proceduri odjerni l-imputat qed jigi akkuzat talli fil-5 ta’ Dicembru 2014 u/jew fil-granet ta’ qabel f’Malta: (1) Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f’Passaport jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Passaport jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f’isem Mohammed Idris Magdoub (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta’ Malta); (2) Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta’ Malta); (3) Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Liġijiet ta’ Malta); u li (4) Irrenda ruhu ricediv u talli kiser kundizzjoni tal-Qorti imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras, datata 7 ta’ Awissu 2014.

L-imputat iddikjara li huwa hati ta' l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta kontra l-imputat in kwantu alternattiva ghall-ewwel akkuza dedotta kontrih, issibu hati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' akkuzi dedotti kontra l-imputat.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni r-ragunijiet umanitarji u li dak li sar ma kienx bi skop ta’ reat Kriminali, kif ukoll l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta kontra l-imputat in kwantu alternattiva ghall-ewwel akkuza dedotta kontrih, issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tielet u raba' akkuzi, din ta' l-ahhar in kwantu rigwarda r-recidiva, u tikkundannah ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

Wara li rat l-Artikoli 22 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti taghzel li ma titrattax ma' l-imputat ghar-reat li dwaru saret l-ordni ta'

liberazzjoni kondizzjonata minn din il-Qorti presjeduta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras fis-7 ta' Awwissu 2014, izda tikkonferma l-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata ta' sena (1) hekk impost fuq l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------